MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru. 383/2005

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond J Borg)

vs

Maria Angela sive Marlene Pullicino

Il-Qorti,

Rat li l-imputata Maria Angela sive Marlene Pullicino, ta' 41 sena, iben Joseph Farrugia u Angela nee Briffa, imwielda Zurrieq, nhar l-24 ta' Settembru, 1966 u toqghod Notre Dame de La Garde, Triq it-Tliet Knejjes, Balzan u detentrici tal-karta ta' l-identita numru 4867 (M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

a) nhar it-18 ta’ Dicembru, 2004 ghall-habta tas-6.00p.m. gewwa l-fond “The Orchards”, Ta’Xindi, Zebbug, volontarjament hassret, ghamlet hsara, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, u cioe’ propjeta ta’ Dr Jeffrey Pullicino Orlando, mobbli jew immobbli u ikkagunatlu hsarat fl-ammont ta’ aktar minn LM 50 imma anqas minn LM 500 (skond l-Art 325 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Dr Pullicino Orlando f’periklu car, izda bil-hsieb li tikkommetti hsara fil-gisem, jew fis-sahha tal-kwerelant, uriet dan il-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha (skond Artikolu 41 (1) a, 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

c) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ikkommettiet dhul b’abbuz fid-dar ta’ Dr Pullicino Orlando, The Orchards, Ta’ Xindi, Zebbug, b’wiehed mill-mezzi imsemmija fl-Artikli 264, 265 u 266, meta fif-cirkustanzi jkun jidher li l-hsieb taghha kien li taghmel hsara lil propjeta jew xi reat kontra l-persuna tal-kwerelant (skond l-Artikolu 330 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

d) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bil-hsieb li jaghmel hsara lil Dr Pullicino Orlando, akkuzat lil kwerelant quddiem awtorita kompetenti b’reat, u cioe’ li qalet li l-kwerelant heddidha li kien ser joqtolha, filwaqt li kienet taf li l-kwerelant huwa innocenti (Skond l-Art 101 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

e) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li ittellef jew tnaqqas il-gieh ta’ Dr Pullicino Orlando wegghatu bi kliem, u cioe’ “pufta”, “foxx kemm ghandek” (skond l-Artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

f) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisret l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku (skond l-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

g) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi tat qtajja jew bezzghet lil Dr Pullicino Orlando u lil minuri Gregory Pullicino Orlando u Jennifer Pullicino Orlando (skond l-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

h) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi bi hsara lis-sid tal-propjeta The Orchards, Ta' Xindi, Zebbug u cioe' ta' Dr Jeffrey Pullicino Orlando, ghamlet vjolazzjoni kontra l-propjeta tal-kwerelant (skond l-Artikolu 340 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

i) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlet theddid jew ingurji lil Dr Pullicino Orlando billi qaltlu "pufta", u "foxx kemm ghandek" (skond l-Artikolu 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra jew minflok il-piena stabbilita mil-Ligi, tapplika d-dispost ta' l-Artikoli 383 u 384 tal-Kap. 9 ghas-sigurta tal-kwerelanti u l-familja tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 21 ta' April, 2005 sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputata din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kawza taghha tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-13 ta' Mejju, 2005.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2007 il-parti civili Dr Jeffrey Pullicino Orlando irrinunzja ghall-azzjoni kriminali

fil-konfronti ta' l-imputata u gie ezentat milli jixhed fil-konfronti taghha.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2007 din il-Qorti kif presjeduta ma gietx ezentata milli terga' tisma' il-provi li diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Rat ukoll li fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2007, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi'tipproduci ui l-imputata ghazlet li ma tixhidx.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-fatt li l-partijiet naqsu milli jezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terga tisma' l-provi li nstemghu minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nonostante li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq l-akkuza migjuba fil-konfronti ta' l-imputat bl-ebda mod ma tista' titqies li giet ppruvata.

Ghaldaqstant u in vista ta' dak kollu premess, il-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tat-tieni, t-tielet, ir-raba', is-sitt s-seba' akkuza u konsegwentement tilliberaha minnhom.

Stante r-rinunzja da parti tal-kwerelant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel, il-hames, it-tmien u d-disa' akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------